Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Lulju 2012

dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni lil ċerti Stati Membri għall-appoġġ ta' studji ta' sorveljanza volontarji dwar it-telf ta' kolonji tan-naħal tal-għasel

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 4396)

(It-testi bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bl-Ispanjol, bl-Isvediż biss huma awtentiċi)

(2012/362/UE)

(ĠU L 176, 6.7.2012, p. 65)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/225/UE tas-17 ta' Mejju 2013	L 135	22	22.5.2013

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-4 ta' Lulju 2012

dwar kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni lil ċerti Stati Membri għall-appoġġ ta' studji ta' sorveljanza volontarji dwar it-telf ta' kolonji tan-naħal tal-għasel

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 4396)

(It-testi bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bis-Slovakk, bl-Ispanjol, bl-Isvediż biss huma awtentiċi)

(2012/362/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([1]), u b' mod partikolari l-Artikolu 23 tagħha,

Billi:

(1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-saħħa tan-naħal tal-għasel ([2]) tagħti ħarsa ġenerali tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni li diġà ttieħdu u li qed jittieħdu fir-rigward tas-saħħa tan-naħal tal-għasel fl-UE. Il-kwistjoni fis-suġġett prinċipali tal-Komunikazzjoni hija l-mortalità li qed tiżdied tan-naħal osservati madwar id-dinja.

(2) Fl-2009, il-proġett tal-EFSA "Il-mortalità tan-naħal u s-sorveljanza tan-naħal fl-Ewropa" ikkonkluda li b'mod ġenerali, is-sistemi ta' sorveljanza fl-UE huma dgħajfa u hemm nuqqas ta' dejta fuq livell ta' Stati Membri u nuqqas ta' dejta komparabbli fuq livell ta' UE.

(3) Sabiex tittejjeb id-disponibbiltà tad-dejta dwar il-mortalità tan-naħal, huwa xieraq li ċerti studji ta' sorveljanza fl-Istati Membri dwar it-telf tan-naħal tal-għasel jingħataw assistenza u appoġġ.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kumissjoni 2011/881/UE tal-21 ta' Diċembru 2011 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' finanzjament li tappoġġa studji ta' sorveljanza volontarja dwar it-telf tal-kolonja tan-naħal tal-għasel ([3]) warrbet EUR 3 750 000 bħala kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni ta' studji ta' sorveljanza dwar it-telf tal-kolonji tan-naħal tal-għasel.

([1]) ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.
([2]) COM (2010) 714 finali.
([3]) ĠU L 343, 23.12.2011, p. 119.

▼B

(5) Il-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa tan-naħal (EURL) ippreżenta id-dokument “Basis for a pilot surveillance project on honey bee colony losses” li jista’ jinstab fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/bees/bee_health_en.htm) li jipprovdi gwida għall-Istati Membri biex jelaboraw l-istudji tagħhom ta’ sorveljanza.

(6) L-Istati Membri kienu mistiedna jibagħtu lill-Kummissjoni l-programmi tal-istudji tagħhom ta’ sorveljanza bbażati fuq id-dokument tekniku tal-EURL għas-saħħa tan-naħal. Għoxrin Stat Membru bagħtu l-proposti tagħhom għall-istudji ta’ sorveljanza. Dawn il-proposti ġew evalwati mil-lat tekniku u finanzjarju sabiex tiġi vvalutata l-konformità tagħhom mad-dokument tekniku “Basis for a pilot surveillance project on honey bee colony losses”.

(7) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit ġabru programmi ta' studji ta' sorveljanza dwar it-telf tal-kolonji tan-naħal tal-għasel b'konformità mad-dokument tekniku “Basis for a pilot surveillance project on honey bee colony losses” u talbu l-appoġġ finanzjarju tal-UE.

(8) Għandha tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-1 ta' April 2012 għall-programmi ta' studju ta' sorveljanza volontarja dwar it-telf tal-kolonji tan-naħal tal-għasel implimentati mill-Belġju, mid-Danimarka, mill-Ġermanja, mill-Estonja, mill-Greċja, minn Spanja, minn Franza, mill-Italja, mil-Latvja, mil-Litwanja, mill-Ungerija, mill-Polonja, mill-Portugall, mis-Slovakkja, mill-Finlandja, mill-Isvezja u mir-Renju Unit.

(9) Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta’ Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni ([1]), għandhom jiġu ffinanzjati miżuri veterinarji skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta’ Garanzija. Għall-finijiet ta’ kontroll finanzjarju, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 ta’ dan ir-Regolament.

(10) Il-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandu jkun soġġett għall-kundizzjoni li l-programmi ta' studju ta' sorveljanza ppjanati fil-fatt ikunu twettqu u li l-awtoritajiet jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Kummissjoni u lil-laboratorju ta’ referenza għas-saħħa tan-naħal tal-UE.

(11) Il-miżuri stipulati f’din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

▼B

Artikolu 1

1. L-Unjoni għandha tagħti għajnuna finanzjarja għall-programmi ta' studju ta' sorveljanza dwar it-telf tal-kolonji tan-naħal tal-għasel lill-Belġju, lid-Danimarka, lill-Ġermanja, lill-Estonja, lill-Greċja, lil Spanja, lil Franza, lill-Italja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lill-Ungerija, lill-Polonja, lill-Portugall, lis-Slovakkja, lill-Finlandja, lill-Isvezja u lir-Renju Unit.

2. Il-kontribut finanzjarju tal-Unjoni

(a) għandha tkun bir-rata ta' 70 % tal-ispejjeż eliġibbli mġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-programmi ta' studju ta' sorveljanza dwar it-telf tal-kolonji tan-naħal tal-għasel u speċifikata fl-Anness I għall-perjodu mill-1 ta' April 2012 sat-►M1 30 ta' Settembru 2013 ◄;

(b) ma għandux jaqbeż dawn li ġejjin:

1. EUR 62 876 għall-Belġju;

2. EUR 192 688 għad-Danimarka;

3. EUR 294 230 għall-Ġermanja;

4. EUR 66 637 għall-Estonja;

5. EUR 109 931 għall-Greċja;

6. EUR 205 050 għal Spanja;

7. EUR 529 615 għal Franza;

8. EUR 521 590 għall-Italja;

9. EUR 147 375 għal-Latvja;

10. EUR 92 123 għal-Litwanja;

11. EUR 98 893 għall-Ungerija;

12. EUR 254 108 għall-Polonja;

13. EUR 28 020 għall-Portugall;

14. EUR 183 337 għas-Slovakkja;

15. EUR 213 986 għall-Finlandja;

16. EUR 39 862 għall-Isvezja;

17. EUR 267 482 għar-Renju Unit.

(c) ma għandhiex taqbeż EUR 595 għal kull żjara tal-apikultura.

Artikolu 2

1. Il-massimu tal-kontribuzzjoni globali awtorizzata minn din id-Deċiżjoni għall-ispejjeż imġarrba għall-programmi msemmija fl-Artikolu 1 huwa stabbilit għal EUR 3 307 803 u għandu jiġi ffinanzjat mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

▼B

2. L-infiq relatat mal-ispejjeż tal-persunal għat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju, għat-teħid ta' kampjuni, għall-monitoraġġ, għall-oġġetti konsumabbli u għall-ispejjeż ġenerali relatati mal-istudji ta' sorveljanza għandu jkunu eliġibbli skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness III.

3. L-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha titħallas wara l-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tar-rapporti u d-dokumenti ta' sostenn imsemmija fl-Artikolu 3(2) u (3).

Artikolu 3

1. Il-programmi għandhom jitwettqu skont id-dokument tekniku "Basis for a pilot surveillance project on honey bee colony losses" (li jista' jinstab fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/bees/bee_health_en.htm) u skont il-programmi ta' studju ta' sorveljanza dwar it-telf tal-kolonji tan-naħal tal-għasel ippreżentati mill-Istati Membri.

2. Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni:

— rapport tekniku intermedju mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2013 dwar l-ewwel żjara prevista fil-programm ta' studju ta' sorveljanza, u

— rapport tekniku finali mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2013 dwar it-tieni u t-tielet żjara previsti fil-programm ta' studju ta' sorveljanza;

— ir-rapport tekniku għandu jkun konformi mal-mudell li jrid jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa tan-naħal.

3. Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit għandhom iressqu quddiem il-Kummissjoni:

— verżjoni fuq il-karta u verżjoni elettronika tar-rapport finanzjarju miġbur skont l-Anness II mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013. Fuq talba tal-Kummissjoni għandhom jintbagħtu d-dokumenti ta' sostenn, li jixhdu l-infiq kollu imsemmi fl-applikazzjoni għar-rimbors.

4. Ir-riżultat tal-istudji għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni u l-laboratorju ta' referenza tal-UE għas-saħħa tan-naħal.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju, lir-Renju tad-Danimarka, lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, lir-Repubblika tal-Estonja, lir-Repubblika Ellenika, lir-Renju ta' Spanja, lir-Repubblika Franċiża, lir-Repubblika Taljana, lir-Repubblika tal-Latvja, lir-Repubblika tal-Litwanja, lill-Ungerija, lir-Repubblika tal-Polonja, lir-Repubblika Portugiża, lir-Repubblika Slovakka, lir-Repubblika tal-Finlandja, lir-Renju tal-Isvezja u lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

▼B

ANNESS I

MS	Numru ta' mġiebaħ	Għadd ta' żjajjar previsti fl-istudju ta' sorveljanza għal kull miġbħa tan-naħal	Total tal-ispejjeż diretti (Testijiet tal-laboratorju) + żjajjar għat-teħid ta' kampjuni u għall-monitoraġġ	Spejjeż ġenerali (7 %)	Spiża totali	Kontribuzzjoni tal-UE (70 %)
BE	150	3	83 946	5 876	89 822	62 876
DK	194	3	257 260	18 008	275 268	192 688
DE	220	3	392 831	27 498	420 329	294 230
EE	196	3	88 968	6 228	95 196	66 637
EL	200	3	146 770	10 274	157 044	109 931
ES	200	3	273 765	19 164	292 929	205 050
FR	396	3	707 096	49 497	756 593	529 615
IT	390	3	696 382	48 747	745 129	521 590
LV	193	3	196 762	13 773	210 535	147 375
LT	193	3	122 994	8 610	131 604	92 123
HU	196	3	132 034	9 242	141 276	98 893
PL	190	3	339 263	23 749	363 012	254 108
PT	145	3	37 410	2 619	40 029	28 020
SK	198	3	244 776	17 134	261 910	183 337
FI	160	3	285 695	19 999	305 694	213 986
SE	150	3	53 220	3 725	56 945	39 862
UK	200	3	357 119	24 998	382 117	267 482
Total			**4 416 293**	**309 141**	**4 725 433**	**3 307 803**

▼B

ANNESS II

MUDELL TA' RAPPORT FINANZJARJU DWAR L-ISTUDJI TA' SORVELJANZA VOLONTARJA DWAR IT-TELF TA' KOLONJI TAN-NAHAL TAL-GĦASEL

Nefqa totali għall-proġett (spejjeż reali, mingħajr il-VAT)		
Stat Membru:		Numru ta' mġiebaħ miżjura:

Spejjeż tal-laboratorju			
Kategorija tal-persunal	Nru ta' ġranet tax-xogħol	Rata ta' kuljum	Total
…			
…			
Oġġetti konsumabbli (deskrizzjoni)	Kwantità	Kost ta' kull unità	Total
…			
…			

Teħid ta' kampjuni u l-ispejjeż tal-monitoraġġ (żjajjar tal-imġiebaħ)			
Kategorija tal-persunal	Nru ta' ġranet tax-xogħol	Rata ta' kuljum	Total
…			
…			
Oġġetti konsumabbli (deskrizzjoni)	Kwantità	Kost ta' kull unità	Total
…			
…			

Ċertifikazzjoni mill-benefiċjarju

Niċċertifikaw li:

— in-nefqa msemmija hawn fuq kienet magħmula fit-twettiq tax-xogħol deskritt fid-dokument tekniku “Basis for a pilot surveillance project on honey bee colony losses” ([1]) u hija direttament relatata mal-implimentazzjoni tal-programm ta' studju ta' sorveljanza li għalih ingħata appoġġ finanzjarju skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/362/UE,

— in-nefqa saret tassew, ingħata rendikont preċiż għaliha u hija eleġibbli skont id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/362/UE;

— id-dokumenti kollha ta’ evidenza marbuta mal-ispiża huma disponibbli għall-finijiet ta’ verifika,

— ma ntalbet l-ebda kontribuzzjoni oħra tal-Unjoni għall-proġetti imsemmija f'din id-Deċiżjoni.

Data:

Isem u firma tal-uffiċjal finanzjarju responsabbli:

([1]) (tista' tinstab fuq http://ec.europa.eu/food/animal/liveanimals/bees/bee_health_en.htm)

▼B

ANNESS III

IR-REGOLI TA' ELIĠIBBILTÀ

1. Spejjeż tal-laboratorju

   — L-ispejjeż tal-persunal għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż attwali attribwibbli max-xogħol (ir-rimunerazzjoni, il-pagi, il-piżijiet soċjali u l-ispejjeż tal-irtirar) akkumulati waqt l-implimentazzjoni tal-istudju u tat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju. Għal dan il-għan għandhom jinżammu l-iskedi tal-ħin kull xahar.

   — Ir-rata ta' kuljum se tiġi kkalkulata fuq ir-rata ta' 220 jum tax-xogħol fis-sena.

   — Ir-rimborż ta' konsumibbli għandu jkun ibbażat fuq l-ispejjeż attwali mġarrba mill-Istati Membri biex iwettqu t-testijiet fil-laboratorju.

   — Il-kit tat-testijiet, ir-reaġenti u l-oġġetti konsumabbli kollha għandhom jiġu rimborżati biss jekk użati speċifikament fit-twettiq ta' dawn it-testijiet:

      — Varroa count (ħasil).

      — L-individwazzjoni u l-karatterizzazzjoni tad-deformed wing virus (DWV), il-vajrus tal-paraliżi akuta tan-naħal (ABPV), il-ħanfusa ż-żgħira tad-doqqajs (Aethina tumida) u d-dudu tropilaelaps).

      — Osservazzjoni klinika (inkluż l-osservazzjoni tas-sintomu tal-batteriji tal-larva (foulbrood), tan-nosema, tal-vajrusis) il-parassita mikrosporidjan (nosema spp.) l-għadd ta' spori, il-kulturi, l-eżami mikroskopiku u t-testijiet bijokimiċi sabiex jiġi identifikat l-aġent kawżali Ewropew tal-batterji tal-larva (Melissococcus plutonius) u l-batterji tal-larva Amerikana (Paenibacillus larvae).

      — Il-batterji tal-larva Amerikana — konferma tal-identità tal-aġent kawżali tal-batterji tal-larva Amerikana u tal-batterji tal-larva Ewropea permezz tal-Polymerase Chain Reaction (PCR).

2. L-ispejjeż tat-teħid ta' kampjuni u tal-monitoraġġ

   — L-ispejjeż għat-teħid ta' kampjuni u l-monitoraġġ jistgħu jiġi rimborżati biss jekk ikunu direttament marbuta maż-żjarat tal-imġiebaħ.

   — L-ispejjeż tal-persunal għandhom ikunu limitati għall-ispejjeż attwali attribwibbli max-xogħol (ir-rimunerazzjoni, il-pagi, il-piżijiet soċjali u l-ispejjeż tal-irtirar) akkumulati waqt l-implimentazzjoni tal-istudju. Għal dan il-għan għandhom jinżammu l-iskedi tal-ħin kull xahar.

   — Ir-rata ta' kuljum se tiġi kkalkulata fuq ir-rata ta' 220 jum tax-xogħol fis-sena.

   — Ir-rimborż ta' oġġetti konsumabbli għandu jkun ibbażat fuq l-ispejjeż attwali magħmula mill-Istati Membri u għandhom jiġu rimborżati biss jekk użati speċifikament matul iż-żjarat fl-imġiebaħ.

3. Spejjeż ġenerali

   Tista' tiġi ikklejmjata kontribuzzjoni b'rata fissa ta' 7 % ikkalkulata fuq il-bażi tal-ispejjeż diretti eliġibbli kollha.

4. In-nefqa ppreżentata mill-Istati Membri għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni għandha tiġi espressa f'euro u għandha teskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u t-taxxi l-oħra kollha.